# Bażilika ProtoParrokkjali San Ġorġ Martri

L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200 | t: 2155 6377 | e: info@stgeorge.org.mt | L-Arċipriet • m: 7920 4434 | e: archprieststgeorge@gmail.com
w: www.stgeorge.org.mt | fb: www.facebook.com/stgeorge.org.mt | live streaming: www.youtube.com/StGeorgesBasilica | RADJU *Leħen il-Belt Victoria* [104.00 FM Stereo] | t: 2156 5207

## "Minn qalb tal-ġebel għal qalb tal-laħam"

IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET

Bdejna dan iż-żmien assoċjat maċ-ċaħda, is-sagrifiċċju u l-kontroll tagħna nfusna. Illum minn naħa jidher li m'għadux moda li wieħed jgħakkes lilu nnifsu, iżda fl-istess ħin nisimgħu u nitgħallmu kemm hu importanti li wieħed jikkontrolla x'jiekol u kemm hu importanti li jagħmel eżerċizzju fiżiku. Tara persuni li f'kull ħin jippruvaw jagħmlu eżerċizzju biex ikunu *fit* u b'*figure* tajba. U jmorru lil hinn minn dan!

Kemm hu sabiħ li fi żmien ir-Randan nerġgħu nitgħallmu s-sbuħija tal-kontroll ta' ġisimna! Ir-riedni jagħmluna liberi għax jirrenduna kapaċi li mmexxu lilna nfusna. Iżda dan ma nagħmluhx biex insiru xi *superman* li kapaċi għal kollox, iżda biex insarrfu din il-qawwa fi mħabba.

Iva, ir-Randan għandu jservina biex nitgħallmu li mhux veru li l-aptit hu ikbar minni, mhux veru li l-emozzjonijiet huma r-rejiet ta' ħajti, mhux veru li l-ġisem jikkmanda lill-bniedem.

Hekk nasal li fir-rabja ma nweġġax lil ħaddieħor, nasal li lsieni ma jikkmandanix, nasal li ma nħallix lil moħħi jiġri bija, nasal li ma npoġġix lili nnifsi qabel kollox u kulħadd. Hekk nasal li nkun liberu li nħobb lil Alla, lill-oħrajn u lili nnifsi.

Minn qalbi nħeġġiġkom iżżommu quddiemkom il-programm li tqassmilkom ħalli ngħixuh flimkien.

## DIN IL-ĠIMGĦA

### L-EŻERĊIZZI GĦALL-FAMILJI

**Mit-Tnejn 11 sal-Ġimgħa 15 ta' Marzu fis-7.30pm minn Dun Noel Debono.** Li tinvesti fil-familja tiegħek ifisser ukoll li tħalli ħin għas-smigħ tal-Kelma ta' Alla. Tħallix lill-Mulej jgħaddi u int ma tkunx hemm!
*Ikun hemm servizz ta' childminding u babysitting.*




Kull **nhar ta' Ħamis** tar-Randan wara l-quddiesa **tas-7.00pm**.




**Quddiesa fil-Ħdud** tar-Randan **fl-10.00am**.




**Quddiesa fil-Ħdud** tar-Randan **fis-7.00pm**.

PARROĊĊA SAN ĠORĠ MARTRI

## LOURDES 2019

**PELLEGRINAĠĠ**
**5 SAD-9 T'AWWISSU**



**Il-bookings miftuħin. Ikkuntattjana fuq 21556377 jew 79204434.**

Randan 2019

Nitolbu lil Alla jgħinna biex f'dan ir-Randan nibdew mixja ta' konverżjoni vera.

**KRONAKA**

**28-02-2019** Nitolbu għal ruħ ĠORĠA BUTTIGIEG li mietet fl-età ta' 94 sena.

**INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES**

| | |
|---|---|
| 10-03-2019 | Ġużeppi Formosa |
| 11-03-2019 | Ġużeppi Gauci |
| 12-03-2019 | Victor Camilleri |
| 13-03-2019 | Carmena Vella |
| 14-03-2019 | Ġużeppi u l-Familja Grima |
| 15-03-2019 | Karlu Formosa |
| 16-03-2019 | Feliċ u Rita Zerafa – Ġina Pace, Ġanna Vella |

AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM